MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 936/2011

**Elvin Magri**
**ID 144777M**

**Vs**

**ETM General Imports Company Limited**
**(C 31572)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-28 ta’ Ottubru, 2011 fejn l-attur talab peress illi s-socjeta’ konvenuta giet inkarigata mill-attur sabiex tittrasporta vettura tal-marka Renault flimkien ma’ zewg settijiet tat-television u DVD player li kienu jinsabu gol-imsemmija vettura.

U peress illi kemm il-vettura kif ukoll is-settijiet tat-television u d-DVD player garrbu hsara estensiva u dana waqt li l-vettura, s-settijiet tat-television u d-DVD player kienu jinsabu that ir-responsabilita’ tas-socjeta’ konvenuta.

Illi filwaqt li s-socjeta' konvenuta ppruvat issewwi a spejjez taghha l-vettura danneggjata qabel ma' l-attur jinduna bil-hsara mgarrba, is-socjeta' konvenuta rrifjutat li taghmel tajjeb ghall-hsarat li garrbu s-settijiet tat-television u d-DVD Player, li gew rezi deyond economical repair.

U peress illi d-danni sofferti mill-attur jammontaw ghal elf u tmien mitt sterlina (£1,800) ekwivalenti ghal elfejn hamsa u erbghin Ewro u tmintax-il centezmu (€2,045.18).

U peress illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont dovut lir-rikorrent bhala danni kif hawn spjegat, izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Tghid ghalhekk is-socjeta' intimate ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:

1. Jiddikjara li s-socjeta' konvenuta hi responsabbli ghall-hsarat kagunati fiz-zewg settijiet tat-television u d-DVD player kif hawn fuq spjegat;
2. Jiddikjara li d-danni sofferti mir-rikorrent b'rizultat ta' din il-hsara jammontaw ghal elfejn hamsa u erbghin Ewro u tmintax-il centezmu (€2,045.18).
3. Jikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas lir-rikorrent s-somma ta' elfejn hamsa u erbghin Ewro u tmintax-il centezmu (€2,045.18).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Is-socjeta' konvenuta wara li giet debitament notifikata pprezentat risposta fejn eccepiet:

- Peress illi z-zewg settijiet ta' televizzjoni u DVD player tghabbew Ad Insaputa u bla ebda permess tal-konvenut fil-vettura l-Ingilterra qabel it-tragitt ta' l-imsemmija vettura lejn Malta;

- U peress ukoll il-konvenut jittrasporta biss vetturi, u l-polza ta' assigurazzjoni tieghu bhala trasportatur tkopri biss vetturi;

- U peress ukoll illi l-prezz miftiehem bejn il-partijiet tramite Raymond Grech ta' tmien mija u hamsin ewro (€850) u VAT kien biss ghall-garr tal-vettura minn Surren l-Ingilterra sa Malta;

- U peress ukoll illi malli l-konvenut gie infurmat illi l-vettura Renault kien hemm zewg settijiet tat-televizzjoni 55 inch, huwa kien pront cempel lix-xuffier tieghu biex inehhihom mill-vettura u jaghmilhom fit-trakk tal-garr stante illi fil-vapur il-vetturi jkunu wehidhom u miftuhin. Kien ghalhekk illi l-vettura u s-settijiet tat-televizzjoni u DVD player waslu f'dati differenti;

- U peress ukoll illi l-ewwel ma kienet waslet kienet il-vettura, u l-attur mar ghaliha l-ewwel;

- U peress ukoll illi l-attur weighed lill-konvenut illi kien ser ihallsu malli jaslu s-settijiet tat-televizzjoni u DVDplayer;

- U peress illi l-attur dam erba' gimghat biex mar ghall-affarijiet wara l-wasla taghhom, u hekk kif mar fetah set minnhom minn rokna u beda jghajjat mill-ewwel li kien imkisser. Talab ukoll ghal wire ta' kitla ta' l-eletriku biex jara jahdimx l-iehor;

- Illi l-attur halla kollox warajh, allega li l-konvenut ikkagunalu hsarat fihom u lanqas biss hallas ghas-servizz tal-garr tal-vettura;

- Illi b'kull rispett irrizulta illi dawn is-settijiet ta' televizzjoni inxtraw miksurin mill-Ingilterra ghal ragunijiet li jafhom biss l-attur. Illi ghalhekk dan l-Onorabili Tribunal lanqas ghandu kompetenza fuq il-mertu;

- Illi di piu, l-attur qatt ma pprezenta ricevuta jew garanzja ghaz-zewg settijiet ta' televizzjoni u DVD player, imam biss fajjar cifri redikoli u dana stante illi

kieku dawn inxtraw godda, il-valur taghhom kien ikun hafna aktar minn dak pretiz minnu;

Illi l-allegazzjonijiet ta’ l-attur ghalhekk huma infindati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Fl-istess waqt is-socjeta’ konvenut resqet kontro talba fejn tablet sabiex l-intimat Elvin Magri naqas illi jhallas l-ammont ta’ tmien mija u hamsin ewro (€850) plus VAT ghal servizzi rezi lilu konsistenti fil-garr ta’ vettura tal-marka Renault Megan, numru ta’ registrazzjoni Ingliz RU11746 minn Surrey fl-Ingilterra ghal Malta kif miftiehem bejn il-kontendenti.

L-attur ipprezenta risposta ghal kontro talba fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba tas-socjeta’ intimate rikonvenjenti hi nfondata fil-fatt u fid-dritt, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ billi s-servizz rez mis-socjeta’ konvenuta kien wiehed hazing ghall-ahahr tant illi l-vettura tal-marka Renault Megane tal-attur giet danneggjata fit-tragitt lejn Malta, kif ukoll **is-settijiet tat-television u d-DVD Player tal-attur gew rezi beyond economical repair waqt li kienu qed jigu trasportati lejn Malta** mis-socjeta’ konvenuta, bi htija tas-socjeta’ konvenuta – u dan hu evidenti mill-fatt li s-socjeta’ konvenuta qatt ma fittxet ghall-hlas tas-“servizz” ipprestat minnha hlief wara li l-attur fetah din il-kawza;
2. Illi subordinament u assolutament minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub hu eccessiv billi l-prezz miftiehem bejn il-kontendenti ghat-trasport kien ta’ tmien mija u hamsin ewro (€850) b’kollox.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Din il-kwistjoni huja dwar garrta’ karozza minn l-Ingilterra sa Malta. L-attur wara li qabbad lis-socjeta’ konvenuta ggorrlu l-vettura mill-Ingilterra sa Malta u kollox kien mifthiem iddecida li jhalli zewg televizzjonijeit fil-vettura sabiex jingarru maghha. Is-socjeta’ konvenuta tghid illi mill-ewwel opponiet ghal din it-talba ghaliex l-insurance tal-vettura ma tkopriex affarijiet fil-vettura. Pero la darba l-attur hallihom hemm ippruvat tiehu hsiebhom.

Dawn it-televizzjonijiet filfat waslu mkissra, wara li kienet waslet il-karozza li kien tkissrilla wkoll il-windscreen. L-ammont ta’ tmien mija u hamsin ewro (€850) tal-gar ma thallasx xorta.

Xehed Raymond Grech li kien ressaq in-negozzju biex kien jaf liz-zewg partijiet. Jghid illi Etienne kien infurmah li Elvin kien ser ihalli t-televizzjonijiet fil-karozza u biex jiehu hsieb ma jisirquhomx. Etienne tas-socjeta’ konvenuta kien infurmah kif ser inizel il-karozza u kien ftehmu li t-televizzjonijiet jitnehhew mill-karozza.

Permezz ta’ nota tas-socjeta’ konvenuta kkwantifikat is-somma ta’ Vat mitlubha hija dik ta’ mija u tlieta u hamsin ewro (€153) u cioe l-ammont tal-kontro talba kient ta’ elf u tlett ewro (€1,003).

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokument u paraguant ix-xhieda ta’ Raymond Grech tat-28 ta’ Frar, 2013 fejn dan ix-xhud spjega dak li kien qallu Etienne fuq l-insurance tal-vettura u wara kkonferma wkoll illi t-televizzjoni kienu mixtrija huwa tal-fehma illi l-attur kien konsapevoli tar-responsabilita li zamm fuqu tat-televizzjoni. Din ir-responsabilita ma jistax jitfaha fuq is-socjeta’ konvenuta li xoghlha hu li ggorr karozza. L-attur kien jaf ukoll illi l-vettura kienet qed tithalla miftuha. Il-fatt li s-socjeta’ konventa caqalqet it-televizzjonijiet ma jfissirx li accettat xi responsabilita anzi kienet ppruvat tiehu hsieb dak li thalla fil-vettura.

Ghal dawn il-mottivi u ragunijiet it-Tribunal jichad it-talbiet attrici. Fir-rigward il-kontro talba hareg car illi l-prezz miftiehem kien ta’ tmien mija u hamsin ewro (€850) u ghalhekk legalment dan kellu jkoppri l-VAT.

Ghalhekk it-Tribunal jilqa’ il-kontro talba limitatament ghal ammont ta’ tmien mija u hamsin ewro (€850) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu terz mis-socjeta’ konvenuta u zewg terzi mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------